# Kunsill Lokali - Il-Gudja

## Somarju dwar Pjan ta' Ħidma

### Minn Jannar 2019 sa Diċembru 2021

Il-Kunsill qed joffri business plan ibbażata fuq strateġija ċara u struttura amministrattiva li taħdem sabiex iwettaq il-ħidma tiegħu bl-aktar mod effiċjenti u effettiv dwar diversi xogħlijiet u ħtiġijiet kemm għall-Kunsill kif ukoll dawk tal-komunità tal-Gudja fosthom:

1. a. Infrastruttura – bini għall-amministrazzjoni tal-Kunsill u faċilitajiet oħra li jkun aċċessibbli għal kulħadd
   b. Protezzjoni u tisbiħ tal-qalba tar-raħal u nħawi oħra kif ikun meħtieġ u possibilment ukoll bil-kontinwazzjoni tar-ring-road u mezzi oħra
   c. Protezzjoni u aċċessibilità tal-kampanja

2. Ħarsien soċjali, sigurtà personali u kollettiva speċjalment fil-qasam tal-anzjani, anzjanità attiva u kreattiva

3. Inkomplu ninkkoraġġixxu l-qari u t-tagħlim ta' matul il-ħajja

4. Sussidjarjetà bil-għan ewlieni li juri ċar li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill jittieħdu qrib r-residenti għall-beneficċju komuni tal-istess residenti

5. Relazzjoni tal-Kunsill mal-Parroċċa, mal-awtoritajiet, mal-għaqdiet u s-soċjetajiet tal-Gudja u l-volontarjat (fl-oqsma kollha kull fejn jinsabu) bil-għan li jkattar aktar ġid komuni



Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u G. Fenech

6. a. Nippromwovu s-saħħa fiżika u dik mentali qalb il-komunità
   b. Sports għal kulħadd u l-provediment ta' spazji fejn jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku

7. Inkomplu naħdmu sabiex nagħmlu l-Gudja post li joffri kultura, storja u apprezzament tal-arti. Dan iġib interess turistiku kemm lokali kif ukoll għat-turisti barranin li jiġu jżuru gżiritna u li jġib ġid kemm soċjali kif ukoll finanzjarju għall-Gudja

8. Soluzzjoni dwar konfini ċari u bla ekwivoku speċjalment sabiex juru li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-Gudja li tista' twassal għal aktar finanzi b'risq il-komunità tal-Gudja

9. Il-Kunsill jaħdem pożittivament sabiex filwaqt iħares l-ambjent u l-karatteristiċi tal-Gudja jkun proattiv u pożittiv f'diversi oqsma sabiex jikseb il-ġid b'risq il-Gudja u l-Gudjani. Inkunu l-ħbieb u l-għassiesa tal-ambjent b'ħidma konġunta mal-istakeholders konċernati

10. a. Faċilitajiet rikreattivi u ġonna siguri għal kulħadd (tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani) bil-finanzjament tal-Gvern Ċentrali u entitajiet oħra
    b. Investiment f'sistemi ta' parkeġġ ibbażat fuq Private Public Parntership li filwaqt li jkunu jistgħu jagħtu il-possibilità li jinħoloq aktar parkeġġ għar-residenti, possibilment ikun hemm ukoll dħul finanzjarju għall-Kunsill

It-tqassim tal-finanzjament tal-Kunsill kif rifless fil-baġit għas-sena 2019 li qed jiġi għal konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-laqgħa pubblika annwali tal-lum 28 ta' Jannar 2019, juri l-istrateġija li jista' jsegwi l-Kunsill f'dawn id-diversi oqsma. Il-Kunsill qed ukoll jesplora kull possibilità oħra sabiex jinkiseb il-progress komuni mhux biss billi jinvolvi l-finanzjament tal-Kunsill iżda wkoll b'finanzi oħra inkluż dak ta' fondi mill-Ewropa u b'xogħol ieħor ta' volontarjat u skemi ta' riżorsi umani u finanzi oħra li jgħinu fil-ħidma tal-Kunsill b'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

John-Mary Calleja
Sindku



Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u G. Fenech